## *Mix-xwabel tal-Furbani għall-Bombi tal-Ġermaniżi*

# Il-Kappella tal-Kunċizzjoni f'Ta' Qali

*Louis Vassallo*

*Dan l-artiklu hu ddedikat għall-memorja għażiża ta' missieri Joseph li mar jiltaqa' mal-Mulej nhar il-5 ta' Frar 2010 fl-eta' ta' 73 sena. Apparti li hu kien jagħti appoġġ lil dak kolli li hu Mosti b'mod partikolari l-festa ta' Santa Marija, jidher u jissemma f'din kitbieti.*

F'din il-passiġġata Kulturali madwar il-kappelli Mostin, għal din is-sena se nżuru fil-ħsieb tagħna dik li tinsab fl-inħawi ta' "Andar il-Blat". Qabel xejn, ikun xieraq li nagħtu tifsira fi ftit kliem dwar l-isem "Andar". B'din il-kelma, wieħed għandu jifhem li tkun biċċa art li tkun għal għajn ix-xemx fejn fuqha fl-imgħoddi, kien jinfirex u jinderes il-qamħ. Insibu dokument li sa mill-1500, dawn l-inħawi kienu magħrufa b'din il-frażi. Meta Mons. Pietru Pawl Dusina żar ir-raħal tal-Mosta fl-1575 kien sab benefizzju marbut ma' dan il-post partikulari. Tajjeb li ngħidu li sa dan iż-żmien, il-Mosta kienet għadha taħt in-Naxxar, għax fil-fatt hi saret parroċċa għaliha fl-1608. Imma, fi żmien il-vista pastorali ta' l-Isqof Balaguer fl-1653, il-knejjes żgħar li kien hemm kienu saru filjali tal-parroċċa ta' l-Assunta.

## L-EWWEL U T-TIENI KAPPELLA

Fuq din il-pjanura, bosta snin ilu, l-antinati Mostin kienu bnew daqxejn ta' kappella f'gieħ Marija Immakulata. Mal-Mostin, din hija magħrufa bħala l-kappella tal-Kunċizzjoni ta' "Andar il-Blat" jew "Derimblat" u kif ukoll ta' "Durromblat". Maż-żmien, forsi minħabba l-attakki tal-furbani, din il-kappella spiċċat biex ġiet ipprofanata. Imma meta l-Isqof Mikiel Balaguer nhar it-8 ta' Gunju 1653, kien ħa xi notamenti dwar din il-kappella, hekk aħna ċ-ċittadini tas-snin 2000 nistgħu faċilment inkunu nafu dwar l-istorja li hemm imxebilka mall-ħitan tagħha! F'dawk iż-żminijiet, hi kienet fit-tarf tat-territorju tal-paroċċa tal-Mosta, qrib il-limiti tal-Katidral ta' l-Imdina. Nafu li dak inhar tal-viżta tiegħu, dan l-Isqof ta' nisel Spanjol, kien tħaddet ma' ċertu Bartilmew Busuttil. Hu kien talab personalment lill-Isqof sabiex hu stess isewwi din il-kappella għax il-qagħda tagħha kienet ħażina ħafna u b'hekk jerġa' jiftaħha mill-ġdid għad-devozzjoni tal-fidili. Mid-dehra, l-Isqof ma kienx sab oġġezzjoni għaliex Bertu Busuttil kien waqqaf mill-ġdid din il-kappella. Jidher li ġiet imtella' f'qasir żmien madwar din id-data bi flusu stess, bis-setgħa mogħtija lilu mill-Isqof innifsu. Kien l-istess Busutill li ħa ħsieb iħalli legat biex fiha jiġu ċċelebratti sitt festi tal-Madonna ta' kull sena, fejn b'mod partikolari l-festa tal-Kunċizzjoni kienet wisq popolari u għażiżha mal-bdiewa u r-raħħala ta' l-inħawi.



*Il-Kappella tal-Kunċizzjoni li reġgħet inbniet wara t-tieni gwerra dinija u li tinsab viċin ta' fejn kien hemm il-mitjar f'Ta' Qali. (Ritratt: Antida Grech)*



## IL-KWADRU U L-PITTUR



*Il-Kwadru titulari xogħol Filippo Dingli, minkejja l-ħsara tal-gwerra kien ġie salvat u għadna ngawduh sal-lum. (bil-Kortesija ta' Tony Terribile u Pubblikazzjonijiet Indipendenza)*

Fil-ġewwieni tagħha kellha kwadru ewlieni, xogħol il-pittur Malti Filippo Dingli li kien ferm magħruf fis-seklu sbatax. Fil-parti ta' fuq ta' dan il-kwadru titulari nilmħu lil Marija Immakulata bil-Missier Etern imdawrin bl-anġli. Fil-parti t'isfel jidhru wkoll San Ġużepp u San Bartilmew fejn x'aktarx li dan l-appostlu tpitter bħala tifkira u apprezzament lejn il-fundatur ta' din il-kappella. Waqt li fix-xaqliba l-oħra n-naħa tal-lemin, insibu lil Santa Katerina Verġni u Martri fejn jista' jagħti l-kas li din il-qaddisa tpittret forsi b'tifkira ta' mart Bertu Busutill. Hu kwadru pjuttost kbir u wiesgħa fejn lejn l-aħħar kwart tiegħu, jispiċċa taħt forma ta'arkata. Dan hu eżempju klassiku ta' Dingli, fejn is-suġġett ewlieni jimla t-tila kollha. Minn studji li saru fuq ix-xogħol tiegħu, joħrog ċar li Dingli baqa' juża stil ta' Manneriżmu li ma kienx għadu popolari f'dak iż-żmien. Iżda hu kompla jaħdem b'dan l-istil favorit tiegħu kif inhu rifless fil-kwadri li ħarġu minn taħt idejh. X'aktarx li hu kien ta' ispirazzjoni għall-pittur ta' isem Stefano Erardi. Dingli kien meqjus bħala l-aktar pittur ta' isem fost l-artisti Maltin ta' żmienu. B'xorti tajba, erba' kappelli Mostin għandhom il-kwadri titulari tagħhom impittra minn Filippo Dingli. Għalkemm xejn mhu' ċert, hawn min jaħseb li l-kwadru titulari li jirrappreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl u li jinsab fil-kappella solitarja tal-Qlejgħa, hu xogħol Dingli wkoll.

## SULDATI KATTOLIĊI

Apparti ċ-ċokon tagħha, ix-xjuħ tagħna jgħidu li kienet tassew sabiħa. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija l-kappella ta' "Andar il-Blat" sabet ruħha preċiżament quddiem l-entratura ewlenija ta' l-ajrudrum l-qadim f' Ta' Qali, jew kif hu magħruf minna l-Mostin bħala "Ta' Vnezja". F'dawk is-snin ta' qirda, tbatija u mwiet, is-saċerdoti kont issibhom dejjem jassistu fejn kien hemm il-ħtieġa. X'iħud kienu wkoll jieħdu ħsieb il-bżonnijiet spiritwali tas-suldati kattoliċi fost it-truppi Ingliżi. Fost il-qassisin li kienu jmorru jqarru lis-suldati fil-kappella tal-Kunċizzjoni, insemmu lil wisq għażiż u maħbub Dun Salv Sammut. Is-suldati Kattoliċi kienu devoti ħafna u jersqu għas-sagramenti. Fosthom kien jispikka wieħed Irlandiż, li kien iżejjen din il-kappella b'rix għamla tax-"shamrock". Din hi fjura emblematika Irlandiża li kont issibha fuq il-beritta militari tas-suldati tar-riġment tiegħu. Fil-ktieb "Storja tal-Mosta" ta' E.B. Vella u oħrajn, niltaqgħu ma' fatt gustuż dwar l-esperjenza ta' dawn is-suldati fil-kappella ta' biswit il-mitjar military. B'sens ta' etika, tajjeb li ngħadduha lilkom, eżatt kif sibna miktuba:- "Darba xi suldati, biex jiċċajtaw neħħew l-istatwa tal-erwieħ minn postha. Malli s-superjuri tagħhom qalulhom li dik ma kinitx ċajta, ta' irġiel poġġewha f' postha."



*Il-vara tal-Kunċizzjoni li hi ta' l-injam, kienet parti mill-pulptu tal-knisja l-qadima ta' Tumas Dingli. Din l-opra tas-seklu sbatax, illum tinsab fil-kappella ta' San Anton Abbati. (bil-Kortesija ta' Tony Terribile u Pubblikazzjonijiet Indipendenza)*



## IT-TIELET KAPPELLA

Sfortunatament, darba fost l-oħrajn waqt wieħed mill-attakki ta' ajru fuq il-mitjar f' Ta' Qali, bomba laqtet din il-kappella u għamlitilha ħsara kbira. Għaldaqstant il-kwadru titulari ta' Filippo Dingli ġie salvat b'interċissjoni Divina u b'hekk baqa sal-lum, bħala xhieda valida tal-qedem lejn id-devozzjoni ta' Marija Immakulata Kunċizzjoni fil-Mosta. Il-ġebel u t-tifrik ta' din il-kappella, kienu ntużaw biex jinbnew kmamar għall-ajruplani fil-mitjar ta' "Ta' Qali". Meta għaddiet il-gwerra bil-ħidma ta' Mons. Dun Salv Magro flimkien ma' l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Dun Pawlinu Galea u l-kleru Mosti, il-kappella reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid fl-1949 bl-ispejjes tal-"War Damage". Il-Perit inkarigat mill-bini tagħha, is-Sur Alfred Zammit ra li din tinbena fuq l-istess stil li kienet qabel ġiet ibbumbardjata mill-Ġermaniżi, u għalhekk ma ntilifx l-aspett oriġinali tagħha. Il-kwadru awtentiku tal-Kunċizzjoni reġa ħa postu mill-ġdid.



*Ritratt meħud lejn l-aħħar tal-ħamsinijiet tas-seklu XX fejn fl-isfond tidher il-kappella ta' "Andar il-Blat" li quddiemha jidhru erba' ġuvintur Mostin li l-ewwel wieħed fuq l-aħħar tarġa taz-zuntier in-naħa tal-lemin, jispikka Missieri bil-ġlekk u l-ingravata! (ħajr: Joseph Vassallo)*

## FESTA U QIMA

Nhar it-8 ta' Diċembru 1955, saret għall-ewwel darba f'din il-kappella ġdida, il-festa tagħha li baqgħet issir sa dawn iż-żminijiet. Madwar mija u sitta u ħamsin sena ilu, nhar it-8 ta' Diċembru 1854, il-Papa Piju IX kien ipproklama bħala Domma ta' Fidi li tabilħaq il-Madonna tnisslet mingħajr dnub oriġinali. Għal din l-okkażjoni kienu saru festi kbar madwar id-dinja kollha. F' Malta, bla dubju ta' xejn kienu saru għadd ta' ċelebrazzjonijiet għaliex sa mill-imgħoddi l-qima lejn l-Immakulata kienet qawwija ħafna f' dawn il-gżejjer. Fil-Mosta, apparti l-ħames niċeċ li jinsabu f'toroq differenti li jixdhu l-qima tal-Mostin lejn il-Kunċizzjoni, insibu wkoll statwa sabiħa ta' l-injam li llum tinsab fil-kappella ta' San Anton, imma li dari kienet tagħmel sehem mill-pulptu tal-knisja l-Qadima ta' Tumas Dingli.

Fuq kollox f' din il-lokalita' li minn raħal inbidlet f'belt, għandha din il-gawrha ta' kappella u li l-bidu tagħha jmur lura sew fl-istorja ta' din il-parroċċa Marjana. Ngħid is-sewwa l-ewwel darba li żortha kien nhar it-Tnejn 8 ta' Diċembru 2008, fejn flimkien ma' ħija Mario attendejna għall-quddiesa tal-festa fid-disa' ta' filgħodu u li tqaddset mill-Arċipriet Dun Mario Tong. Jien bqajt impressjonat bil-ġemgħa numeruża li kien hemm, tant li ħafna persuni kellhom joqgħodu fuq iz-zuntier. Fl-omelija tiegħu, l-Arċipriet fakkar kemm Mons. Dun Salv Magro irsista u ħadem kemm felaħ biex din il-kappella terġa tissawwar mill-ġdid wara l-aħħar gwerra Mondjali. Fis-semplicita' tagħha, din il-kappella mbajda friska biċ-ċilest u biz-zoklaturi bojod kienet armata sabiħ u devozzjonali. Inħoss ruħi xxurtjat li ħtaft din l-opportunita' għax sa dak il-waqt, din il-kappella partikulari kienet l-unika waħda fost l-oħrajn kollha li jinsabu fil-Mosta li kont għadni qatt ma' dħalt ġewwa fiha, sabiex nagħtiha daqqa t'għajn!

## APPELL IMQANQAL

Fl-annwal 2008 maħruġ mis-Soċjeta Filarmonika Santa Marija tal-Mosta, il-fotografu u l-kittieb Mosti s-Sur Victor B. Caruana, kien ta tislima xierqa lil Dun Salv Magro li kien għadda għall-ħajja ta' dejjem nhar it-31 ta' Dicembru 2007. F' dan l-artiklu ferm interessanti u nformattiv huwa għamel referenza għall-kappella tal-Kunċizzjoni. Sieħbi Victor tenna appell imqanqal u ġenwin li fi kliemu stess jgħid hekk:- "Ħasra li qatt ma rajna ritratt tagħha!" Naturalment hu kien qed jirreferi għall-kappella li kien hemm flok



dik preżenti. Hekk kif spiċċajt naqra dan l-artiklu, dlonk mort infittex b'ċertu ħeġġa fil-kaxxa tal-kartun fejn fiha Missieri, jżomm b'tant għożża r-ritratti tiegħu mimlijin b'tant stejjer u nostalġija! L-iskop tiegħi kien li nipprova nsib xi ritratt tal-kappella tal-Kunċizzjoni qabel ma ġġarfet fl-aħħar gwerra, għax kont tal-fehma li xi darba kont rajtu fil-kollezzjoni ta' Missieri. Ma tantx domt infittex wisq, għax f'ħakka t'għajn, feġġ bejn is-swaba ta' idi l-leminija dak li kelli f'moħħi!

## FERĦA BLA TEMMA

Dan ir-ritratt hu proppju l-aħħar wieħed li hu ppubblikat ma din kitbieti. Ma l-ewwel ħarsa fuqu ikkonfermajt li l-kappella li tidher fih hi dik ta' "Andar il-Blat". Għalkemm l-aħħar biċċa tal-kampnar ma tidhirx, wieħed jista' jinnota l-qanpiena li llum flokha hemm statwa tal-Kunċizzjoni. Dawk l-erba' ġuvintur huma Missieri flimkien ma' sħabu. Għall-kurżita' tagħkom, Missieri hu l-uniku wieħed fosthom li hu libes il-ġlekk u l-ingravata! Kif se nkunu nafu jekk din il-kappella hiex il-qadima jew le? Jien naħseb li din hi dik li hemm illum, imma permezz ta' kalkulazzjoni żgħira, nistgħu naslu aħjar sabiex nivverifikaw il-punt. Issa jekk din il-binja reġgħet inbniet fl-1949 u Missieri twieled fl-1936, allura jiġi li meta ttieħed dan ir-ritratt Missieri kellu tlettax il-sena. Meta filfatt jidher li għandu qrib l-għoxrin sena! B'hekk ix-xewqa ta' Victor Carauna, se tibqa' tistenna lil xi ħadd ieħor, forsi xi darba ssir realta'! Naħseb li dan ir-ritratt imur lura sa' l-aħħar tal-ħamsinijiet tas-seklu għoxrin.

## FROTT IL-FIDI

F'dan iż-żmien ta' progress u informatika bla limiti, tajjeb li nsemmu x'fadlilna mill-imgħoddi biex inkunu f'qagħda li napprezzaw aħjar il-wirt għażiż li jinsab isebbaħ bl-istorja mqanqla tiegħu lill-Mosta tagħna. Bla dubju din l-akbar parroċċa fil-gżejjer tagħna, hija fost il-lokalitajiet li għandha numru kotran ta' kappelli u knejjes żgħar. Fil-fatt, illum insibu mhux inqas minn tnax-il kappella li lkoll kemm huma jinsabu fi stat tajjeb, grazzi għar-restawr li jsirilhom minn żmien għal ieħor. Uħud minnhom għandhom importanza fin-nisġa storika, soċjali u reliġjuża ta' art twelidna u huma frott il-fidi, il-ħidma u t-tbatija ta' l-antenati Mostin. Dari, bosta minn dawn il-kappelli kienu mxerrdin 'l hemm u 'l hawn fil-kampanja Mostija, li disgrazzjatament illum għad fadal persentaġġ minimu minnha. Dawn kienu jissejħu "Wayside Chapels." Tista' tgħid li fi żminijietna dawn kollha jinsabu qalb żoni urbani moderni u b' hekk tilfu dik il-karatteristika tipika tagħhom. Għajr għal erba' biss li huma dawk ta' San Pawl Tal-Qlejgħa, ta' Santa Marija Taż-Żejfi, ta' San Pawl l-Eremita u tal-Kunċizzjoni.

Din il-kappella li għalkemm tinsab fi triq traffikuża, xorta waħda għandha mdawwra bir-raba' maħdum u bil-pal tal-bajtar tax-xewk li qed jistrieħ fuq il-ħitan tas-sejjieħ. B'hekk dan l-ambjent naturali u safi, ifakkarna fil-Mosta ta' darba waħda! Fejn ħajjiet il-Mostin ta' dari, baqgħet tintgħaġen bl-istess għaġna ta' sekli ilu. Sempliċi u bla kumplessitajiet żejda. Ħsibhom biss fil-familja, il-bhejjem, ix-xogħol u l-knisja. Imma tajjeb li nsemmu li fl-1833, il-poplu Mosti nbarka fuq proġett ambizzjuż! Propju min-naħa ta' Durromblat, viċin il-kappella tal-Kunċizzjoni, il-Mostin qatgħaw il-ġebel kollu sabiex bih jibnu l-famuża Rotunda. Kienet ġebla ta' lewn safrani li tagħti kemmxejn fl-aħmar u li biha ġiet mibnija l-knisja Monumentali tal-Mosta tul is-27 sena li damet tinbena.


**Referenzi:-**

1 George Cassar u Joseph G.M. Borg, "Il-Mosta, il-Mostin u r-Rotunda matul iż-żminijiet". (Malta, 2007)
2 E.B. Vella u Oħrajn, "Storja tal-Mosta". (Malta 1972/1986)
3 George Cassar u Louis Vassallo, "Minn tiġrib il-qedem il-Mosta tfassal ġrajjietha". (Malta, 2008)
4 Tony Terribile, "Teżori fil-Knejjes Maltin". (Malta 2005)
5 George Cassar, "Kalendarju 2004 - Kappelli fil-Mosta" (Skola Primarja Carmela Sammut, Mosta)
6 Annwal 2004/Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard "Marija Immakulata Meqjuma fil-Mosta", kitba ta' Tony Terribile
7 Annwal 2008/Soċjetà Filarmonika Santa Marija "Tislima lil Dun Salv Magro", kitba ta' Victor B. Caruana.